A.L. 41 ta' l-2003

ATT TA' l-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6, 9, 10 (2) u 11 ta' l-Att ta' l-2001 biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Intern u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, hawn aktar 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 146 ta' l-1993.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fit-tifsira "Att", il-kliem "1991" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "2001";

(b) minnufih wara t-tifsira

"Att", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*carnet de chasse*" tfisser permess fl-għamla li tidher fi Skeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, liema permess jinkludi wkoll ċensiment annwali ta' għasafar ikkaċċjati u, jew meħudin mis-selvaġġ;";

(ċ) it-tifsira "Dipartiment" għandha titħassar u minflok it-tifsira "Direttur", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur" tfisser id-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jew ir-rappreżentant tiegħu;";

(d) minflok it-tifsiriet

"għasfur" u "għasafar" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "għasafar ta' l-għana" tfisser għasafar li jidħlu taħt dawn l-ispeċi ta' għasafar li ġejjin: *Fringilla coelebs* (Sponsun), *Serinus serinus* (Apparell), *Carduelis chloris* (Verdun), *Carduelis carduelis* (Gardell), *Carduelis spinus* (Ekru), *Carduelis cannabina* (Ġojjin), *Coccothraustes coccothraustes* (Taż-Żebbuġ);

"għasfur" u "għasafar" tfisser kull għasfur li jgħix, jew li kien jgħix, fis-selvaġġ f'Malta;";

(e) minflok it-tifsiriet

"kaċċa" u "tikkaċċja", u "kaċċa minn fuq il-baħar", għandu jidħol dan li ġej:-

" "kaċċa" u "tikkaċċja" tfisser "tikkaċċja jew tispara b'arma tan-nar jew kull arma oħra li tintuża għall-kaċċa, u "kaċċa minn fuq il-baħar" tfisser tikkaċċja minn fuq opri tal-baħar;";

u fit-test Ingliż it-tifsiriet "*shoot*" u *"shooting"* għandhom jitħassru

(f) minnufih wara t-tifsira "kaċċa" u "kaċċa minn fuq il-baħar" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "Kumitat Ornis" tfisser il-kumitat kif imwaqqaf taħt ir-regolament 2A ta' dawn ir-regolamenti;";

(ġ) fit-tifsira

"Kummissarju", minnufih wara l-kliem "Kummissarju tal-Pulizija" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew ir-rappreżentant tiegħu";

(ħ) minnufih wara t-tifsira

"Kummissarju tal-Pulizija" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "liċenza" tinkludi permess;";

(i) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni li jifhmu jew li huma attivi fil-ħarsien ta' l-avifawna", tfisser kull organizzazzjoni li jkollha aktar minn elfejn membru (2000) li jkunu ħallsu l-miżata ta' sħubija tagħhom, statut, kumitat li jiġi elett mill-anqas darba kull sentejn, u li jkollha il-kontijiet tagħha verifikati u awtentikati minn awditur kwalifikat u approvati minn laqgħa ġenerali ta' l-organizzazzjoni;

"Organizzazjoni li tirrappreżenta persuni li jkollhom liċenza għall-kaċċa u, jew, għat-teħid", tfisser organizzazzjoni li jkollha, aktar minn tliet elef (3000) membru li jkunu ħallsu l-miżata ta' sħubija tagħhom, statut, kumitat li jiġi elett mill-anqas darba kull sentejn, u li jkollha l-kontijiet tagħha verifikati u awtentikati minn awditur kwalifikat u approvati minn laqgħa ġenerali ta' l-organizzazzjoni;";

(j) minflok it-tifsira "riservi naturali" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "santwarji ta' l-għasafar" tfisser dawk l-inħawi elenkati fi Skeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;";

(k) fit-tifsira "staġun magħluq" -

(i) fit-test Ingliż tal-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kelma "*shooting*" għandha tidħol il-kelma "*hunting*";

(ii) fis-sub-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "f'kull żmien bejn" għandhom jidħlu l-kliem "kuljum bejn u inklużi";

(iii) minflok il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:-

"(b) dwar it-teħid ta' l-għasafar elenkati f'dan il-paragrafu:

(i) is-Summien u l-Gamiem f'kull ġurnata bejn u inklużi t-23 ta' Mejju u l-31 ta' Awissu u f'kull ġurnata bejn u inklużi l-1 ta' Frar u l-24 ta' Marzu, ta' kull sena;

(ii) il-Malvizz u l-Pluviera f'kull ġurnata bejn u inklużi l-1 ta' Frar u l-31 ta' Awissu ta' kull sena;

(iii) l-Għasafar ta' l-Għana f'kull ġurnata bejn u inklużi l-11 ta' April u t-30 ta' Settembru ta' kull sena;";

(iv) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem

"it-teħid u", għandhom jiġu mħassra, u fit- test ingliż fil-paragrafi (ċ) u (d) tiegħu, minflok il-kelma "*shooting*" għandha tidħol il-kelma "*hunting*";

(l) minnufih wara t-tifsira "staġun magħluq" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Taqsima" tfisser it-Taqsima ta' l-Avifawna taħt il-kontroll tad-Direttur;";

(m) minflok it-tifsira

"tieħu" għandu jidhol dan li ġej:-

" "tieħu" u "teħid" tfisser li tieħu mis-selvaġġ, billi jintuża xi metodu ta' nsib;".

(n) it-tifsira "tieħu minn fuq il-baħar" għandha titħassar.

Iżid ir-regolament 2A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:-

"Kumitat Ornis.

2A. (1) Ikun hemm kumitat magħruf bħala l-Kumitat Ornis.

(2) Il-Kumitat Ornis ikun magħmul minn mhux anqas minn seba' membri u mhux aktar minn disa' membri li jiġu maħtura, mill-Ministru għal żmien sentejn, b'dan il-mod:-

(a) *Chairman* ;

(b) id-Direttur, jew ir-rappreżentant tiegħu;

(ċ) żewġ membri li jiġu nominati minn organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni li jkollhom liċenza għall-kaċċa u, jew għat-teħid;

(d) żewg membri li jiġu maħtura mill-organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni li jifhmu jew li huma attivi fil-ħarsien ta' l-avifawna; u

(e) persuna li tkun tifhem sew u tkun speċjalizzata fl-avifawna, li tiġi nominata mid-Direttur:

Iżda meta jkun hemm aktar minn organizzazzjoni waħda kif hemm imsemmi fis-sub-paragrafu (ċ) jew (d) ta' dan il-paragrafu, għaldaqstant għandu jkun hemm tliet membri li jiġu maħturin skond kull wieħed mis-subparagrafi (ċ) u (d), f'liema każ it-tliet membri maħturin taħt is-subparagrafu fejn hemm aktar minn organizzazzjoni waħda, dawn għandhom jiġu maħturin kif ġej:-

Żewġ membri nominati mill-organizzazzjoni li jkollha l-akbar għadd ta' membri, u membru nominat mill-organizzazzjoni li jkollha t-tieni l-akbar għadd ta' membri.

(3) (a) Il-Kumitat għandu jkun kostitwit kif imiss u jista' jiffunzjona minkejja li jonqsu milli jiġu nominati xi jew kull membru msemmi fis-subparagrafi (ċ) u (d) tal-paragrafu (2).

(b) Il-membri msemmija fis-subparagrafi (a), (ċ) u (d) tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, għandu jkollhom vot kull wieħed. Il-membri l-oħra tal-Kumitat ma għandux ikollhom vot.

(ċ) Id-Direttur għandu jaħtar persuna biex tagħmilha ta' Segretarju tal-Kumitat.

(4) Il-*quorum* tal-Kumitat Ornis ikun jikkonsisti fiċ-*Chairman* u mhux anqas minn nofs il-membri l-oħra li għandhom vot, iżda meta ma jkunux ġew nominati l-membri li jirrappeżentaw l-organizzazzjonijiet imsemmija fis-sub-paragrafi (ċ) u (d) tal-paragrafu (2), iċ-*Chairman* għandu jaġixxi waħdu, wara li jikkonsulta kemm mad-Direttur u l-persuna msemmija fis-sub-paragrafi (b) u (e) tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament, iċ-*Chairman* ikollu vot oriġinali u, meta l-voti jiġu ndaqs, vot ieħor jew deċiżiv.

(6) Il-funzjonijiet tal-Kumitat Ornis ikunu li:

(a) jistabbilixxi *policies* u kondizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' liċenzi ġodda għall-kaċċa jew għat-teħid ta' għasafar, u għall-fenek selvaġġ;

(b) jiddeċiedi dwar *policies* u kondizzjonijiet fuq il-konferma ta' liċenzi għat-teħid, kif ikun meħtieġ;

(ċ) jħejji studji u, jew evalwazzjonijiet dwar l-istatus ta' l-għasafar imsemmija fl-Iskedi I, II u III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, liema studji jew evalwazzjonijiet għandhom isiru ta' kull sena;

(d) jagħmel kull studju, qabel il-31 ta' Diċembru, 2007 dwar it-teħid ta' għasafar ta' l-għana u ż-żamma tagħhom fil-gaġeġ;

(e) jiddeċiedi dwar *policies* u kondizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' liċenzi ġodda għat-teħid wara l-31 ta' Diċembru, 2007;

(f) jiddeċiedi, meta jkun meħtieġ, dwar il-kwoti u l-għadd, għall-kaċċa u t-teħid ta' ċerti speċi ta' għasafar, ibbażati fuq informazzjoni li tkun tinsab fil-*carnet de chasse* u fi studji oħra;

(ġ) jirrakkomanda lill-Ministru tibdil fil-listi ta' l-ispeċi fl- iskedi I, II u III ta' dawn ir-regolamenti;

(ħ) jistabbilixxi *policies* għall-infurzar ta' dawn ir-regolamenti;

(i) iħejji rapporti li għandhom x'jaqsmu ma' kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' dawn ir-regolamenti;

(j) jistabbilixxi *policies* li għandhom x'jaqsmu mal-kaċċa u t-teħid ta' għasafar li jkunu jinsabu f'xi nħawi jew aktar, għal raġunijiet ta' saħħa, sigurtà, sigurezza jew għal xi raġuni oħra bħal dawn;

(k) jawtorizza l-bejgħ, it-tpartit jew il-kummerċ ta' għasafar li jkunu protetti taħt dawn ir-regolamenti;

(l) japprova pjanijiet għat-tmexxija ta' riservi għall-kaċċa u t-teħid ta' l-għasafar;

(m) jistabbilixxi *policies* dwar programmi ta' għarfien dwar kull ħaġa li tolqot lil dawn ir-regolamenti;

(n) jirrakkomanda lill- Ministru lista ta' għasafar li għandhom bżonn ħarsien speċjali.

(7) l-Kumitat Ornis jista', bi qbil, jiddelega lid-Direttur, kull tali funzjoni msemmija fil-paragrafu (6) ta' dan ir-regolament.

(8) Il-Kumitat Ornis għandu jinforma lill-Ministru dwar id-deliberazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu u jgħaddilu kopja tan-notamenti tal-laqgħat li jkun għamel.

Twaqqif ta' Taqsima fi ħdan l-Awtorita.

2B. (1) Ikun hemm sezzjoni fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar, ħawn iżjed 'il quddiem imsejjħa t-Taqsima ta' l-Avifawna, li għandha timplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ornis.

(2) It-Taqsima għandha minn ġurnata għall-oħra taġixxi taħt il-kontroll u d-direzzjoni tad-Direttur.

(3) Id-Direttur ikun responsabbli għall-ħruġ ta' liċenzi taħt dawn ir-regolamenti, b'dan illi:-

(a) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista', għal raġunijiet ta' *policy* pubblika u, jew iż-żamma tal-liġi u l-bonordni u fl-interess pubbliku (*public policy*) jinforma t-Taqsima li xi persuna m'għandhiex tinħarġilha liċenza; u

(b) ma għandhom jinħarġu ebda liċenzi ġodda għat-teħid qabel il-31 ta' Diċembru, 2007.

(4) Id-Direttur jista' ma jġeddidx liċenza kemm-il darba u sakemm il-permess tas-sena ta' qabel ma jiġix mgħoddi lill-Kumitat Ornis fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-organizzazzjoni tkun irċeviet il-permess inkwistjoni.

(5) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ornis għandhom, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament u ta' kull liġi oħra, ikunu jorbtu lid-Direttur u lil kull persuna oħra li tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, kull min iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tad-Direttur li ma joħroġx liċenza partikolari, jista' jappella quddiem il-Kumitat Ornis fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol mid-data meta dik id-deċiżjoni tiġi mwassla lill-applikant.

(7) Dak l-appell għandu jsir lis-Segretarju tal-Kumitat bil-miktub, li għandu jgħarraf li jkun irċieva dak l-appell bil-miktub.

(8) Meta jiġi biex jittratta dak l-appell, il-Kumitat Ornis jista' jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu u għandu jagħti opportunità kemm lid-Direttur kemm lill-appellant li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-fomm jew bil-miktub. Għall-fini ta' dawk l-appelli d-Direttur ma għandux joqgħod fuq il-Kumitat Ornis. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ornis għandhom ikunu finali u konklużivi.".

Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (1) għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-fenek selvaġġ (*oryctolagus cuniculus)* u l-ispeċi kollha ta' għasafar li b'mod naturali jinsabu fis-selvaġġ, f'Malta huma protetti:

Iżda l-kaċċa u t-teħid tal-fenek selvaġġ u ta' l-għasafar li jappartjenu għall-ispeċi elenkati fi Skedi I, II u III ta' dawn ir-regolamenti għandhom isiru skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.";

(b) il-paragrafu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament;

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (1), għandu jiżdied dan il-paragrafu (2) ġdid li ġej:-

"(2) (a) Ebda persuna ma tista' tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu, għasafar li huma protetti taħt dawn ir-regolamenti xort'oħra milli skond dawn ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ta' xi liċenza mogħtija taħthom.

(b) Fil-każ ta' għasafar, it-teħid għandu jsir mingħajr ebda ħsieb li dawn jinqatlu u t-teħid ma għandux isir fuq il-baħar jew ikun jinvolvi l-ikkaċċjar.";

(d) minnufih wara l-paragrafu (3) kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:-

"(4) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra, ebda persuna ma għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'xi mezz l-għasafar imsemmija fi Skedi I, II u III li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, u l-fenek selvaġġ, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha liċenza valida kif japplika, maħruġa mid-Direttur, u dik il-persuna tkun ħarset il-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenza u f'kull liġi oħra.

(5) Kull persuna li tapplika għal liċenza tista' tiġi mitluba tagħmel eżami prattiku biex jiġi magħruf x'ħila għandha fl-użu u l-ġarr bla periklu ta' armi tan-nar u kemm tkun kapaċi tagħraf l-għasafar u taf xi jgħidu r-regolamenti għall-ħarsien tal-fawna.

(6) Id-Direttur għandu jiżgura li qabel ma tingħata jew tiġġedded liċenza taħt dawn ir-regolamenti, min japplika għandu jkun ħares il-kondizzjonijiet li jkun hemm fi Skeda VI li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"Kondizzjonijiet ta' ipprattikar.

"4. (1) Ebda persuna ma tista' twettaq xi attività li dwarha tkun meħtieġa xi liċenza taħt dawn ir-regolamenti kemm-il darba ma tkunx qabel ħallset il-pagamenti dovuti stipulati taħt dawn ir-regolamenti, u tkun kisbet il-liċenzi relattivi, skond il-kondizzjonijiet stipulati taħt Skeda VI li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-permess ma jkunx jista' jiġġedded kemm-il darba l-persuna li jkollha liċenza għall-kaċċa u, jew, għat-teħid ma tkunx għaddiet il-permess li kellha għas-sena ta' qabel lill-organizzazzjoni li tkun membru fiha.

(3) L-organizzazzjoni għandha fi żmien għaxart ijiem minn meta l-organizzazzjoni tirċievi dak il-permess għas-sena ta' qabel, tgħaddi l-permess lill-Kumitat Ornis.

(4) Ebda persuna ma tista' ġġedded il-liċenza tagħha tal-kaċċa jew tat-teħid ta' l-għasafar, sakemm ma telenkax fedelment fil-partijiet meħtieġa tal-*carnet de chasse*, l-għasafar li tkun ikkaċċjat jew ħadet f'kull ġimgħa, sal-jum tat- Tnejn tal-ġimgħa ta' wara.".

Jissostitwixxi r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:-

"7. Ebda persuna ma għandha:

(a) iġġorr arma tan-nar, biex tfittex jew tiġri wara, jew tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja xi għasfur jew il-fenek selvaġġ, jew

(b) tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur,

kemm-il darba ma jkollhiex fuqha l-karta' ta' identità jew xi mezz ieħor ta' identifikazzjoni tagħha u l-liċenza adatta għal dik l-attività maħruġa lilha taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi liġi oħra:

Iżda meta tali persuna ma jkollhiex fuqha dawk id-dokumenti, hija tinħeles minn kull responsabbiltà li toħroġ minn dik l-ommissjoni jekk fi żmien jumejn hija tippreżenta lill-pulizija dawk id-dokumenti fil-post li huma jindikawlha.".

Jemenda ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (1) tar-regolament -

(i) fit-test Ingliż tas-subparagrafi (a) u (b) tiegħu, minflok il-kliem "*shooting*" u "*shoot*" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "*hunting*" u "*hunt*" rispettivament;

(ii) fis-subparagrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "mhux minn fuq il-baħar" għandhom jitħassru;

(iii) fis-subparagrafu (d) tiegħu, il-kliem "mhux minn fuq il-baħar" għandhom jitħassru u minflok il-kliem "Skedi I u II" għandhom jidħlu l-kliem "Skedi II u III";

(iv) fit-test Ingliż tas-subparagrafu (e) u fil-proviso li tinsab miegħu minflok il-kliem "*shooting*" u "*shoot*" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "*hunting*" u "*hunt"* rispettivament, u fl-istess proviso minflok il-kliem "il-

Kummissarju jista' johroġ" għandhom jidħlu l-kliem "tista' tinħareġ";

(v) fis-subparagrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "għat-teħid u l-kaċċa ta' l-għasafar minn fuq il-baħar, tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu, xi għasfur, jew iġġorr," għandhom jidħlu l-kliem "għall-kaċċa ta' l-għasafar minn fuq il-baħar, iġġorr,", u fit-test Ingliż minflok il-kliem "*for game shooting*" għandhom jidħlu l-kliem "*for game hunting*";

(b) id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (2) tar-regolament għandhom jiġu enumerati mill-ġdid b'kontinwazzjoni u jiġu miżjuda mal-paragrafu (1) kif ġej:-

(i) id-disposizzjonijiet tal-paragrafu introduttorju tal-paragrafu (2) kif imħassar għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subparagrafu (ġ) tal-paragrafu (1) u minflok il-kliem "għat-teħid u l-kaċċa" għandhom jidħlu l-kliem "għall-kaċċa";

(ii) id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (2) għandu jiġi enumerati mill-ġdid bħala l-inċiż (i) tas-subparagrafu (ġ) tal-paragrafu (1) u fit-test Ingliż minflok il-kelma "*shoot*" kull fejn din tinsab għandha tidħol il-kelma "*hunt*", u l-kliem "tieħu jew tipprova tieħu, minn fuq il-baħar," għandhom jitħassru;

(iii) minnufih wara d-disposizzjonijiet ta' l-inċiż (i) tas-sub-paragrafu (ġ) tal-paragrafu (1) kif it-tnejn enumerati mill-ġdid għandu jidħol dan l-inċiż ġdid li ġej:-

"(ii) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, minn fuq il-baħar -

(aa) f'distanza sa tliet kilometri jew anqas mill-kosta, minn dgħajsa jew xi opra tal-baħar; jew

(bb) f'distanza ta' aktar minn tliet kilometri mill-kosta minn dgħajsa jew xi opra tal-baħar li tkun qed tiġi misjuqa b'veloċità ta' aktar minn 18 il-kilometru fis-siegħa;";

(iv) id-dispozizzjonijiet tas-sub-paragrafi (ċ) sa (ġ) tal-paragrafu (2) kif imħassar, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-inċiżi (iii) sa (vii) rispettivament tas-sub-paragrafu (ġ) ġdid tal-paragrafu (1), u -

(A) fit-test Ingliż minflok il-kliem "*shooting*" u "*shoot*" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "*hunting*" u "*hunt*" rispettivament;

(B) minflok il-kliem

"is-subparagrafu (e)" fl-inċiż (vii) kif enumerat mill-ġdid għandhom jidħlu l-kliem "l-inċiż (v)";

(ċ) id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3) tar-regolament għandu jiġi enumerat mill-ġdid b'kontinwazzjoni u miżjud mal-paragrafu (1) bħala s-subparagrafu (ħ), u fit-test Ingliż minflok il-kelma "*shoot*" fih għandha tidħol il-kelma "*hunt*";

(d) id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (4) u (5) tar-regolament għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafu (2) ġdid tiegħu kif ġej:-

(i) il-paragrafu (4) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu (2) ġdid tiegħu, u fl-ewwel proviso tiegħu minflok il-kliem "din id-distanza ma tapplikax" għandhom jidħlu l-kliem "din id-distanza ta' 50 metru ma tapplikax"; u

(ii) il-paragrafu (5) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu (2) ġdid tiegħu, u fit-test Ingliż minflok il-kelma "*shooting*" fih għandha tidħol il-kelma "*hunting*"; u

(e) il-paragrafi (6) u (7) tar-regolament għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) ir-regolament kollu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tiegħu, u minflok il-kliem "mill-Kummissarju u sakemm" għandhom jidħlu l-kliem " " id-Direttur, u sakemm"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (1) kif enumerat mill-ġdid għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(2) Kemm-il darba l-Kummissarju u, jew id-Direttur ma jkollhomx raġunijiet validi biex jagħmlu xort'oħra, kull min ikun inkluż fir-reġistru ta' persuni li kellhom liċenza għat-teħid ta' għasafar li kienet valida sa l-

aħħar ta' Lulju 2002, għandu jkollu il-liċenza tiegħu għat-teħid ta' għasafar imġedda wara dik id-data.

(3) Kull min jikseb permess għall-kaċċa u għat-teħid ta' għasafar taħt dawn ir-regolamenti għandu jieħu sehem f'ċensiment jew f'xi studju ieħor organizzat mill-Kumitat Ornis sabiex iwieġeb għal kull mistoqsija li ssir bħala parti mill-istess ċensiment jew studju.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) il-paragrafi (1) u (2) tiegħu għandhom jiġu mħassra;

(b) il-paragrafi (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (1) u (2) tiegħu rispettivament; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (2) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:-

"(3) Ix-xbieki msemmija fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu operati biss bl-intervent tal-bniedem mingħajr ebda użu ta' mezzi elettriċi, elettroniċi jew mekkaniċi, u l-akbar qies ta' kull xibka bħal dik ma għandha f'ebda każ tkun teċċedi it-13.75 metru bi 2.75 metru, (45 pied b'9 piedi).".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu minflok il-kliem "mad-Dipartiment" għandu jidħol il-kliem "mad-Direttur" u minflok il-kliem "paragrafu (5) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti. Minn għandu fil-pussess tiegħu speċi ta' għasafar protetti ħajjin, irid jirrapporthom lid-Dipartiment sa xahar mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, biex dawn jinħelsu.", għandhom jidħlu l-kliem "paragrafu (6) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti.".

(b) minflok il-paragrafu (4) għandu jidħol dan li ġej:-

"(4) Ebda persuna ma għandha, mingħajr l-awtorità tad-Direttur, moghtija bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, tbiegħ, toffri għall-bejgħ, tpartat jew xort'oħra

jiddisponi minn xi għasfur li jkun protett taħt dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu –

(i) fit-test Ingliż tiegħu minflok il-kelma "*shoot*" kull fejn din tinsab, għandha tidħol il-kelma "*hunt*"; u

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "fil-paragrafu (2), (3) u (4) tar-regolament 11 u fil-paragrafu (1) tar-regolament 18" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 11 u fil-paragrafu (1) tar-regolament 18";

(b) fil-paragrafu (2) tiegħu, minflok il-kliem "mis-subparagrafi (ċ), (d), (e) u (f) tal-paragrafu (1)" għandu jidħol il-kliem "mill-paragrafu (1)"; u

(ċ) il-paragrafu (3) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolamenti 14 u 15 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fir-regolamenti 14 u 15 tar-regolamenti prinċipali, fit-test Ingliż tagħhom, minflok il-kelma "*shoot*" kull fejn tinsab għandha tidħol il-kelma "*hunt*".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu, minflok il-kelma "tal-Kummissarju" għandha tidħol il-kelma "tad-Direttur";

(b) il-paragrafu (5) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) il-paragrafu (6) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (5), u minflok il-kliem

"mid-Dipartiment fiż-żmien stipulat fil-paragrafu (5) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jidħlu l-kliem "mat-Taqsima fiż-żmien stipulat fil-paragrafu (6) tiegħu"; u

(d) minnufih wara paragrafu (5) kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:-

"(6) Kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li ma jkunux ġew registrati qabel dik id-data li l-Ministru jista' jordna, għandu jagħmel applikazzjoni għand id-Direttur biex id-Direttur ikun jista' joħroġ ċertifikat uffiċjali li jelenka l-għasafar ibbalzmati li jkunu fil-pussess ta' dik il-persuna, u ma tista' tittieħed ebda azzjoni taħt dawn ir-regolamenti jew taħt ebda liġi oħra, kontra dawk il-persuni li japplikaw qabel dik id-data.

(7) L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu (6) ta' dan ir-regolament għandu jkollha elenku ta' l-għasafar ibbalzmati b'tali mod li d-Direttur jista' joħroġ ċertifikat uffiċjali li jkun jelenka l-għasafar ibbalzmati li jkunu fil-pussess ta' min japplika.

(8) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ biss wara li jiġi konfermat l-għadd u l-identifikazzjoni mid-Direttur ta' l-ispeċi ta'għasafar ibbalzmati li jkunu fil-pussess ta' min japplika.

(9) Ebda persuna ma tista' tiffalsifika xi mezz ta' identifikazzjoni, li jkun sar mid-Direttur, relatat ma' għasfur ibbalzmat, skond dan ir-regolament.".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

14. Fil-paragrafu (2) tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali, fit-test Ingliż tiegħu, minflok il-kelma "*shooting*" għandha tidħol il-kelma "*hunting*".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

15. Fir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali, fit-test Ingliż tiegħu, minflok il-kelma "*shoot*" għandha tidħol il-kelma "*hunt*".

Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

16. Ir-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu, minflok il-kelma "Kummissarju" għandha tidħol il-kelma"id-Direttur",;

(b) fil-paragrafi (3), (6) u (7) minflok il-kliem "mill-Ministru" u "tal-Ministru" kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "mid-Direttur" u tad-Direttur" rispettivament;

(ċ) fil-paragrafu (4) minflok il-kliem

"fir-riservi naturali" għandhom jidħlu l-kliem "fis-santwarji ta' l-għasafar";

(d) il-paragrafu (9) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:-

(i) is-sub-paragrafu (a) tiegħu għandu jitħassar;

(ii) is-sub-paragrafi (b), (ċ) u (d) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (a), (b) u (ċ) rispettivament;

(iii) fis-sub-paragrafu (ċ) kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "liċenza tal-kaċċa jew ta' l-insib" għandhom jidħlu l-kliem "liċenza għall-kaċċa u, jew għat-teħid".

(e) minnufih wara sub-paragrafu (9) tal-paragrafu (10) il-ġdid għandu jidħol dan li ġej :

"Minkejja s-sub-paragrafu (b) ta' paragrafu (1) tar-regolament 13, kull persuna li jkollha liċenza ta' *bird ringer*, tista' tagħmel użu minn tisfir reġistrat tal-għasafar (*pre-recorded bird calls*), meta jkun qiegħed jipprattika l-*bird ringing*."

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

17. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kelma "*shoot*" fit-test Ingliż biss, kull fejn tidher, għandha tidħol il-kelma "*hunt"* u kull fejn jidher il-kliem "riserva naturali" għandu jidħol il-kliem "santwarju ta' l-għasafar;" u

(b) fil-proviso ma' dan ir-regolament, minflok il-kliem "għall-kaċċatur jew nassab li" għandhom jidħlu l-kliem "għal xi persuna li jkollha liċenza tal-kaċċa jew tat-teħid, li" u minflok il-kliem "f'riserva naturali" għandu jidħol il-kliem "f'santwarju ta' l-għasafar".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

18. Ir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minflok il-kelma

"Kummissarju" kull fejn din tinsab għandha tidħol il-kelma"id-Direttur"; u

(b) fil-paragrafu (2) tiegħu, minflok il-kliem "fil-paragrafu (4)" għandhom jidħlu l-kliem "fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (2)".

19. Fir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "isir sparar fuq" għandhom jidħlu l-kliem "issir kaċċa fuq". Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

20. Ir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu (2) tiegħu -

(i) minflok il-kliem "kontra dawn ir-regolamenti"

għandhom jidħlu l-kliem "kontra r-regolament 9 (1) (ġ) (ii) (aa), ir-regolament 14 jew ir-regolament 21(1) ta' dawn ir-regolamenti";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "iżda mhux aktar minn ħames mitt lira Maltija (Lm 500)" għandhom jidħlu l-kliem "iżda mhux aktar minn elf lira Maltija (Lm1,000) u l-konfiska tal-*corpus delicti*. Il-Qorti tista wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenza jew permess għal żmien mhux anqas minn sena;";

(iii) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "iżda mhux aktar minn elf lira Maltija (Lm1,000)" għandhom jidħlu l-kliem "iżda mhux aktar minn elfejn lira Maltija (Lm 2,000)", u minnufih wara l-kliem "dik il-multa u priġunerija flimkien" għandhom jidħlu l-kliem "u kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*. Il-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenza jew il-permess għal perjodu ta' mhux anqas minn sena imma mhux aktar minn tliet snin.";

(b) minflok il-paragrafu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Kull persuna li tagħmel reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, tista', meta tinsab ħatja, teħel:-

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn ħamsin lira (Lm50) imma mhux aktar minn ħames mitt lira (Lm500);

(b) fil-każ tat-tieni reat jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn mitt lira (Lm100) iżda mhux aktar minn elf lira (Lm1,000). Il-Qorti tista' wkoll tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u,

jew is-sospensjoni tal-liċenza jew tal-permess għal perjodu ta' mhux anqas minn sena iżda mhux aktar minn tliet snin:

Iżda wkoll kull min jinsab ħati li għamel reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, liema reat jinvolvi kull għasfur inkluż fil-lista li qed issir referenza għaliha fis-sub-paragrafu (n) tal-paragrafu (6) tar-regolament 2B, ikun jeħel meta jinsab ħati il-piena skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.".

Jemenda Skedi I, II, III, IV li jinsabu mar-regolamenti prinċipali.

21. Minflok Skedi I, II, III u IV tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu Skedi I sa VI li jinsabu fl-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti.

Disposizzjoni transitorja.

22. Sakemm jidħol fis-seħħ il-paragrafu (3) tar-regolament 2B, il-Kummissarju tal-Pulizija jkun responsabbli għall-ħruġ u t-tiġdid ta' liċenzi taħt dawn ir-regolamenti u għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ornis f'dak ir-rigward u kull riferenza f'dawn ir-regolamenti għas-setgħat u d-dmirijiet tad-Direttur f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ u t-tiġdid ta' liċenzi taħt dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu ivestu fil-Kummisarju tal-Pulizija.

Ħassar N.G. 31 ta' l-1911 u A.L. 144 u 145 ta' l-1993.

23. Dawn ir-regolamenti li ġejjin qegħdin jiġu mħassra:-

(a) Regolamenti ta' l-1911 dwar il-prevenzjoni tal-qirda ta' għasafar, pubblikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 31 ta' l-1911;

(b) Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Għasafar u l-Fenek Selvaġġ (Dikjarazzjoni ta' Speċi Protetti u Riservi Naturali), pubblikati bl-Avviż Legali 144 ta' l-1993;

(ċ) Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Liċenzi tal-Kaċċa, pubblikati bl-Avviż Legali 145 ta' l-1993.

SKEDA I

Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati fuq l-art mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Jannar, inklużi ż-żewġ dati

SKEDA I (a)

	ISEM XJENTIFIKU	ISEM MALTI	ISEM INGLIŻ
1.	*Anser fabalis*	Wiżża tal-Ful	Bean Goose
2.	*Anser anser*	Wiżża Griża	Greylag Goose
3.	*Anas penelope*	Silfjun Ewropew	Wigeon
4.	*Anas strepera*	Kuluvert Griż	Gadwall
5.	*Anas crecca*	Sarsella	Teal
6.	*Anas platyrhynchos*	Kuluvert	Mallard
7.	*Anas acuta*	Silfjun	Pintail
8.	*Anas querquedula*	Sarsella Hamra	Garganey
9.	*Anas clypeata*	Palettuna	Shoveler
10.	*Aythya ferina*	Brajmla	Pochard
11.	*Mergus serrator*	Serra	Red-breasted Merganser
12.	*Aythya fuligula*	Brajmla tat-toppu	Tufted Duck
13.	*Coturnix coturnix*	Summiena	Quail
14.	*Fulica atra*	Tiġieġa tal-Baħar	Coot
15.	*Pluvialis apricaria*	Pluviera	Golden Plover
16.	*Pluvialis squatarola*	Pluviera Pastarda	Grey Plover
17.	*Vanellus vanellus*	Venewwa	Lapwing
18.	*Lymnocryptes minimus*	Ċinkonja	Jack Snipe
19.	*Gallinago gallinago*	Bekkaċċ	Snipe
20.	*Scolopax rusticola*	Gallina	Woodcock
21.	*Columba palumbus*	Tudun	Wood Pigeon
22.	*Streptopelia turtur*	Gamiema	Turtle Dove
23.	*Alauda arvensis*	Alwetta	Skylark
24.	*Turdus merula*	Malvizz Iswed	Blackbird

25.	*Turdus pilaris*	Malvizzun tal-Qtajja	Fieldfare
26.	*Turdus philomelos*	Malvizz	Song Thrush
27.	*Turdus iliacus*	Malvizz Aħmar	Redwing
28.	*Turdus viscivorus*	Malvizzun Prim	Mistle Thrush
29.	*Sturnus vulgaris*	Sturnell	Starling
30.	*Gallinula chloropus*	Gallozz Iswed	Moorhen
31.	*Philmachus pugnax*	Girwiel	Ruff
32.	*Rallus aquaticus*	Gallozz tax-xitwa	Water Rail

Skeda I (b)

Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati fuq l-art u li t-teħid tagħhom huwa permess mill-25 ta' Marzu sat-22 ta' Mejju, inklużi ż-żewġ dati

ISEM XJENTIFIKU		**ISEM MALTI**	**ISEM INGLIŻ**
1	*Coturnix coturnix*	Summiena	Quail
2	*Streptopelia turtur*	Gamiema	Turtle dove

SKEDA II

SKEDA II (a)

Għasafar li t-teħid tagħhom huwa permess mill-1 ta' Settembru sa l-31 ta' Jannar, inklużi ż-żewġ dati

	ISEM XJENTIFIKU	ISEM MALTI	ISEM INGLIŻ
1.	*Coturnix coturnix*	Summiena	Quail
2.	*Streptopelia turtur*	Gamiema	Turtle Dove
3.	*Pluvialis apricaria*	Pluviera	Golden Plover
4.	*Turdus philomelos*	Malvizz	Song Thrush

SKEDA II (b)

Għasafar ta' l-għana li t-teħid tagħhom huwa permess mill-1 t'Ottubru sa l-10 t'April

	ISEM XJENTIFIKU	ISEM MALTI	ISEM INGLIŻ
1	*Fringilla coelebs*	Sponsun	Chaffinch
2	*Serinus serinus*	Apparell	Serin
3.	*Carduelis chloris*	Verdun	Greenfinch
4.	*Carduelis carduelis*	Gardell	Goldfinch
5.	*Carduelis spinus*	Ekru	Siskin
6.	*Carduelis cannabina*	Ġojjin	Linnet
7.	*Coccothraustes coccothraustes*	Taż-Żebbuġ	Hawfinch

SKEDA III

Għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati minn fuq il-baħar mill-1 t'Ottubru sa' l-aħħar ġurnata ta' Frar, inklużi ż-żewġ dati

	ISEM XJENTIFIKU	ISEM MALFI	ISEM INGLIZ
1.	*Anser fabalis*	Wiżża tal-Ful	Bean Goose
2.	*Anser anser*	Wiżża Griża	Greylag Goose
3.	*Anas penelope*	Silfjun Ewropew	Wigeon
4.	*Anas strepera*	Kuluvert Griż	Gadwall
5	*Anas crecca*	Sarsella	Teal
6.	*Anas platyrhynchos*	Kuluvert	Mallard
7.	*Anas acuta*	Silfjun	Pintail
8.	*Anas querquedula*	Sarsella Ħamra	Garganey
9.	*Anas clypeata*	Palettuna	Shoveler
10.	*Aythya ferina*	Brajmla	Pochard
11.	*Aythya fuligula*	Brajmla tat-toppu	Tufted Duck
12.	*Mergus serrator*	Serra	Red-breasted Merganser

Hlas ta' liċenzja (sena)

Kaċċa u teħid (mhux għasafar ta' l-għana) fuq l-art (sena)

Kaċċa fuq il-baħar, (sena)

Teħid (insib) għall-għasafar ta' l-għana biss (sena)

Kaċċa u teħid għall-fenek (sena)

Kontrada (il-post)

Indika fejn jinsab il-mansab li tuża inti biss

Post _____

Belt / Raħal vicin

_____

Post _____

Belt / Raħal vicin

_____

Kif timla l-formola

- Imla l-formola kull ġimgħa.
- Kull kaxxa tirreferi għall-ġimgħa sħiħa mit-Tnein sal-Ħadd.
- Importanti li din il-formola tinżamm fuqek
- Irritorna din il-formola lill-għaqda tiegħek

Permess

għall-kaċċa u t-teħid ta' l-għasafar u il-Fenek selvaġġ

Carnet de chasse

SKEDA IV

Imla in-numru tal-karta' ta' l-identità _____

Firma _____

B 501

Carnet de chasse (sena)

	JANNAR	FRAR	MARZU	APRIL	MEJJU	SETTEMBRU	OTTUBRU	NOVEMBRU	DICEMBRU	TOTAL
Gallina										
Summiena										
Gamiema										
Alwetta										
Malvizz										
Gojjin										
Apparell										
Verdun										
Gardell										
Sponsun										
Ekru										
Taż-Żebbug										
Wiżża tal-Ful										
Wiżża Griża										
Silfjun Ewropew										
Kuluvert Griż										
Sarsella										
Kuluvert										
Silfjun										
Sarsella Mamra										
Paletturna										
Brajmla										
Brajmla tat-toppu										
Serra										
Tigieġa tal-Baħar										
Pluviera										
Pluviera Pastarda										
Venewwa										
Ċinkonja										
Bekkaċċ										
Gallozz Iswed										
Girwiel										
Gallozz tax-Xitwa										
Tudun										
Malvizz Iswed										
Malvizzun tal-Qtajja										
Malvizz Aħmar										
Malvizzun Prim										
Stumell										
Ġimgħat Tnejn sal-Ħadd	1 2 3 4	1 2 3 4	1 2 3 4 5	1 2 3 4	1 2 3 4	1 2 3 4	1 2 3 4	1 2 3 4 5	1 2 3 4	

Insurance għas sena.....

Sħubija f'għaqda rikonnoxxuta (sena)

SKEDA V

Santwarji ta' l-ghasafar

1. Il-madwar taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti u sa 50 metru minn kull ċimiterju ieħor f'Malta u f'Għawdex.

2. Il-madwar ta' Kenndy Grove u s-Salini kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

3. Il-Ground ta' l-Isports tal-Marsa kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

4. Il-Ġonna ta' Sant' Anton u ġonna pubbliċi oħra kollha f'Malta u Għawdex.

5. L-inħawi ta' Portes-des-Bombes li jinkludu s-Swar ta' Madwar kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

6. Manoel Island.

7. Il-madwar ta' l-Għadira, fil-Bajja tal-Mellieħa, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

8. Il-Heliport f' ta' Lambert limiti ta' Għajnsielem u Xewkija Għawdex u dawk l-inħawi tal-madwar sa 200 metru, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

9. Sa 200 metru mill-Ajruport ta' Hal-Luqa u sa 50 metru mid-dwal li juru t-triq għar-runways.

10. Il-Gżira ta' Kemmuna.

11. Il-Gżira ta' Filfla.

12. Il-madwar tal-ġonna tal-Buskett, u l-Palazz ta' Verdala, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

13. L-inhawi fuq l-Għoljiet ta' Ċenċ, Għawdex, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

14. Il-kumpless Ta' Qali, magħduda l-inhawi fejn qabel kien użat bħala ajruport u l-art li tmiss mieghu kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

15. Sa 50 metru mill-istazzjonijiet tar-radju mħaddma mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili:

(a) f'Benghajsa, fil-limiti ta' Birżebbuġa;
(b) fl-Għoljiet ta' Had-Dingli, fil-limiti ta' Had-Dingli;
(c) f'Wied Rini, limiti tar-Rabat;
(d) Non-directional beacon, Forti San Rokku, limiti tar-Rinella;
(e) fl-Istazzjoni tal-VOR, it-Tafal, fil-limiti ta' Kerċem, Għawdex.

16. Il-Madwar tas-Simar, fil-Ramla tal-Pwales, San Pawl il-Baħar, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

17. Il-madwar tal-bur salmastru f'Tal-Ballut, Marsaxlokk, kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

18. Il-Gżejjer ta' San Pawl.

19. Il-Girgenti kif jidher fil-mappa mehmuza ma' dawn ir-regolamenti.


20. Wied Għollieqa kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.


21. Il-Qawra, Għawdex kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.

22. L-Għolja ta' Għammar - Għawdex kif jidher fil-mappa mehmuża ma' dawn ir-regolamenti.



Addolorata Cemetery
S.S. Nos 5469, 5470
0
100
200
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt



Kennedy Grove & Salina Area
S.S. Nos 4677, 4678
0
100
200
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Marsa Sports Ground
S.S. Nos 5270, 5470
0
150
300
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Portes De Bombes
S.S. No 5472
0
50
100
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


B 510


Ghadira (Mellieha Bay)
S.S. Nos 4080, 4081
0
150
300
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Ta' Lambert Heliport, Gozo
S.S. No 3487
0
50
100
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt



Buskett Gardens & Verdala Palace
S.S. Nos 4468, 4469, 4668, 4669
0
150
300
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Ta' Cenc Cliffs, Gozo
S.S. Nos 3285, 3286, 3485, 3486
0
100
200
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt



Ta' Qali Complex
S.S. Nos 4672, 4673, 4872, 4873
0
150
300
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt



Is-Simar at Pwales,
St Paul's Bay
S.S. Nos 4277, 4278, 4477, 4478
0
150
300
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Salt Marsh at il-Ballut,
Marsaxlokk
S.S. No 5866
0
100
200
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Girgenti
S.S. Nos 4667, 4668
0
75
150
meters
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt

B 518


Wied Ghollieq
S.S. No 5273
0
100
200
meters
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Il-Qawra, Gozo
S.S. Nos 2389, 2690
0
100
200
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt


Ghammar Hill, Gozo
S.S. Nos 2890, 2891
0
100
200
meters
MEPA
L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar
Malta Environment & Planning Authority
http://www.mepa.org.mt

SKEDI VI

Kondizzjonijiet tal-Liċenza

1. Ma tistax tinħareġ jew tiġġeded liċenza, kemm il-darba dik il-persuna ma:

(a) tkunx ħallset u ġabet il-permessi neċessarji mitluba taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Puliżija;

(b) ikunx ħallset għal-liċenzji kollha kif imiss, maħruġa taħt dawn ir-regolamenti;

(c) ikollhiex polza ta' l-assigurazzjoni għal ħsara lill-terzi jew ħsara fil-proprjeta tagħhom;

(d) tkunx, fil-każ tat-tiġdid tal-liċenza, għaddiet il-permess għas-sena ta' qabel lill-organizzazzjoni li tkun membru tagħha.

2. Il-liċenzi maħruġin taħt dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu dawn id-dettalji li ġejjin:

(a) fil-każ ta' liċenzi għall-kaċċa u/jew it-teħid ta' l-għasafar, l-għadd u l-ispeċi ta' għasafar li jkunu jistgħu jiġu kkaċċjati u/jew meħuda kull ġimgħa;

(b) fil-każ ta' liċenzi għat-teħid ta' għasafar, l-inħawi fejn ikun qiegħed il-mansab;

(c) prova li turi li l-liċenza applikabbli ta' l-arma tan-nar u l-polza ta' l-assigurazzjoni fuqha,jkunu ġew imhallsa; u

(d) prova li d-detentur tal-l-liċenzja ikun membru ta' organizzazzjoni li jkun għaddilha l-permess kif speċifikat fis-subparagrafu (d) tal-paragrafu (1) ta' din l-Iskeda.